MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## S.T.O. PRIM IMHALLEF
## VINCENT DE GAETANO

Seduta ta' l-4 ta' Jannar, 2008

Numru 411/2007

Il-Pulizija
(Spettur Josric Mifsud)

Versus

Raymond Bajada;
Denis Pace

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba mill-Pulizija Eżekuttiva kontra Raymond Bajada u Denis Pace (detenturi ta' karta ta' identità 16168(G) u 10375(G) rispettivament) talli f'dawn il-gżejjer nhar il-erbatax (14) ta' Ġunju elfejn u sebgħa (2007), u xhur ta' qabel, fl-inħawi *Ta' Lambert* limiti tax-Xewkija, Għawdex, għal ħabta tat-tmienja u nofs ta' filgħaxija (~8.30p.m.), Raymond Bajada bħala wieħed mid-diretturi ta' *Devgozo Limited* u Denis Pace bħala l-persuna li fil-fatt iddepożita l-iskart:

(1) iddepożitaw radam f'sit li ma hux sit għar-rimi u li ma hux kopert b'liċenzja għal dan il-għan maħruġa mid-direttur għall-Ħarsien ta' l-Ambjent (A.L. 128/1997 Art. 3, 4);
(2) naqsu li josservaw xi dispożizzjonijiet tar-Regolamenti ta' l-1997 dwar drittijiet u depożitu għal kull skart u radam (A.L. 128/1997 Art. 22);
(3) daħlu għal xi attività fil-maniġġjar ta' l-iskart mingħajr permess mill-awtorità kompetenti u bi ksur ta' tħaris tar-Regolamenti ta' l-2001 dwar permessi u kontrolli fil-maniġġjar ta' l-iskrat (A.L. 337/2001 Art. 26(a));
(4) Abbandunaw, waqqgħu, tefgħu jew xort'oħra immaniġġjaw skart mhux skond id-dispożizzjonijiet tar-Regolamenti ta' l-2001 dwar permessi u kontrolli fil-maniġġjar ta' l-iskart (A.L. 337/2001 Art. 26(a));
(5) qiegħdu skart f'post fejn ma hux post li jiġi mmaniġġjat l-iskart u li ma hux post li awtorizzat li jirċievi tali skart bis-saħħa ta' xi permess (A.L. 337/2001 Art. 7 (3));
(6) mingħajr awtorizazzjoni b'liġi, remgħu, tefgħu jew iddepożitaw xi żibel f'post pubbliku jew spazju fil-miftuħ li l-pubbliku għandu aċċess għalih (A.L. 344/2005 Art. 4).
(7) ħattew jew qiegħdu f'periklu b'kull mezz li jkun l-istabbilità jew is-sbuħija ta' ħitan tas-sejjieħ, kostruzzjoni, struttura jew fond rurali u ma ħallewx l-ilma tax-xita jgħaddi ġieri minn ġol-binja tal-ħitan tas-sejjieħ, jimmina s-sisien ta' xi ħajt tas-sejjieħ, kostruzzjoni, struttura jew fond rurali (A.L. 160/1997 Art. 5 (2)).
(8) naqsu li josservaw xi dispożizzjonijiet tar-Regolamenti tal-1997 dwar ħitan tas-sejjieħ u strutturi rurali (A.L. 160/1997 Art. 7(a)).

U lil Raymond Bajada waħdu:

(9) aktar talli bħala direttur tal-Kumpanija *DevGozo Limited*, bħala pussessur ta' l-iskart jew bħala persuna li ndaħal għall-ħidmiet li għandhom x'jaqsmu ma' dan ix-xogħol u għalhekk responsabbli għall-maniġġjar ta' l-iskart, naqas li jiżgura li dan l-immaniġjar isir skond ir-Regolamenti ta' l-2001 dwar il-permessi u kontrolli fil-maniġġjar ta' l-iskart (A.L. 337/2001 Art. 7 (1) (2)).

U lil Denis Pace waħdu:

(10) aktar talli bħala ħaddiem mal-kumpanija *Devgozo Limited*, bħala pussessur ta' l-iskart jew bħala persuna li ndaħal għall-ħidmiet li għandhom x'jaqsmu ma' dan ix-xogħol u għalhekk responsabbli għall-maniġġjar ta' l-iskart, naqas li jiżgura li dan l-immaniġġjar isir skond r-Regolamenti ta' l-2001 dwar il-permessi u kontrolli fil-maniġġjar tal-iskart (A. L. 337/2001 Art. 7 (1) (2)).

Il-Qorti ġiet mitluba li f'każ ta' ħtija tapplika l-artikolu 27 ta' l-A.L. 337/2001, artikolu 10 u 14 ta' l-A.L. 344/2005, artikolu 8 ta' l-A.L. 160/1997 u artikolu 23 ta' l-A.L. 128/1997;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) tat-tletin (30) t'Ottubru elfejn u sebgħa (2007) li permezz tagħha dik il-Qorti sabet lil Raymond Bajada ħati skond l-ewwel imputazzjoni u kkundannatu multa ta' ħames mitt lira (Lm500) u ordnatlu biex fi żmien xahar mid-data ta' dik is-sentenza jneħħi l-iskart minnu depożitat fis-sit in kwistjoni; Il-Qorti iżda lliberat lill-imsemmi Raymond Bajada mill-imputazzjonijiet l-oħra kollha; dik il-Qorti wkoll illiberat lil Denis Pace mill-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontra tiegħu;

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-Avukat Ġenerali minnu preżentat fis-sitta u għoxrin (26) ta' Novembru elfejn u sebgħa (2007) li permezz tiegħu huwa talab ir-riforma ta' l-imsemmija sentenza;

Rat ir-risposta ta' l-appellati Raymond Bajada u Denis Pace minnhom preżentata fit-tmienja u għoxrin (28) ta' Diċembru elfejn u sebgħa (2007) li permezz tagħhom huma ssollevaw in-nullità u l-irritwalità ta' l-appell stante li dan ġie prezentat *fuori termine*;

Semgħet lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tal-lum u in partikolari lil Dottor Lara Lanfranco li qed tidher għall-Avukat Generali, li kkonfermat li bħala fatt ir-rikors ta' appell ta' l-Avukat Ġenerali ġie preżentat tardivament b'ġurnata;

Tilqa' l-preġudizjali sollevata mill-appellati Bajada u Pace u tiddikjara l-appell ta' l-Avukat Ġenerali irritu u null u konsegwentement tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tiegħu.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------